MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 333/2006

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 482/06 fl-ismijiet:**

**Clouds Catering Ltd**

**vs**

**Saint George's Park Company Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fid-19 ta' April, 2006, mis-socjeta' Saint George's Park Company Limited li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Nhar it-30 ta' Marzu, 2006 hija giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru fuq citat ghas-somma ta' tmienja u ghoxrin elf lira mitejn u tliet liri Maltin u sebgha u hamsin

centezmu (Lm28,203.57) li jirraprezentaw *“spejjez gudizzjarji skond it-taxxa tal-kawza fl-ismijiet Saint George’s Park Company Limited vs Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti”*
*(1908/00 GV).*

Ghall-kjarezza jrid jinghad illi fil-kawza msemmija il-Qorti ntalbet tiddikjara li bl-agir taghhom Clouds Catering Limited, kif ukoll Francis Chetcuti bhala garanti, kisru l-kundizzjonijiet ta’ kuntratt lokatizju vigenti bejn il-partijiet datat 15 ta’ Ottubru, 1988 rigward il-fond kummercjali *Clouds*, wara msemmi *Insomnia*. Intalbet ukoll ir-rizoluzzjoni tal-kirja u l-izgumbrament tal-konvenuti fi zmien qasir u perentorju.

L-mandat fuq citat gie ipprezentat kontestwalment ma’ mandat iehor fl-ismijiet *Francis Chetcuti vs St. George’s Park Company Limited* (483/2006GC) ghall-ammont ta’ Lm19,572.26. Irid jinghad mill-bidunett illi dawn il-mandati inhargu b’ritaljazzjoni wara li St. George’s Park Company Limited, li kif se jigi spjegat f’aktar dettall ghandha tiehu eluf ta’ liri minghand Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti, saret taf li Francis Chetcuti kellu jircievi xi hlas minghand Citadel Insurance u ipprezentat mandat ta’ sekwestru ezekuttiv sabiex dawn il-flus jigu depozitati l-Qorti.

Minghajr pregudizzju ghal dan li ntqal l-esponenti umilment tissottometti li l-mandat ta’ sekwestru fuq citat ghandu jigi mhassar u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. <u>Ir-rikors ta’ Clouds Catering Limited ghall-hrug tal-mandat imsemmi huwa irritu u null stante illi ma gietx segwita l-procedura skond il-Kapitolu 386 (l-Att dwar il-Kumpaniji).</u>

Prezentement hemm pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kif diversament preseduta proceduri ta’ stralc kontra l-kumpanija Clouds Catering Limited, fl-ismijiet *“St. George’s Park Company Limited vs Clouds Catering Limited”* (1241/2003 GCD), li fihom l-esponenti qieghda titlob lill-Qorti tordna illi l-kumpanija Clouds Catering

Limited ghandha xxolji *ai termini* ta’ l-Artikolu 214(2)(a)(ii) u 214(2)(b)(iii) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dawn il-proceduri ta’ stralc infethu mill-kumpanija esponenti *stante* illi l-kumpanija Clouds ghandha taghti lill-esponenti is-somma ta’ ‘l fuq minn hamsa u hamsin elf lira Maltija (Lm55,000) f’kera tal-fond *Clouds*, liema somma ghadha ma thallsitx u anzi qieghda tizdied meta wiehed iqis l-imghaxijiet li qeghdin jiddekorru. Din is-somma giet konfermata b’sentenza tal-Qorti **fuq ammissjoni ta’ l-istess kumpanija**, kif se jigi spjegat aktar ‘il quddiem f’dan ir-rikors. *Inoltre*, l-istess kumpanija *Clouds* hija debitrici ta’ diversi kredituri ohra, mhux l-anqas id-Dipartiment tal-VAT li ghandu jiehu minghand Clouds Catering Limited madwar kwart ta’ miljun lira Maltija!

*In vista* ta’ dan, f’digriet moghti mill-Onorabbli Prim Awla nhar l-14 ta’ Marzu, 2006 fil-proceduri msemmija il-Qorti hatret *“bhala amministratur provizorju lill-Av. Louis Cassar Pullicino bis-setgha u dmirijiet skond l-artiklu 228 et seq tal-Kap. 386”*.

Huwa pacifiku illi meta jigi appuntat amministratur provizorju huwa ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu l-proprjeta’ u l-jeddijiet kollha tal-kumpanija, u ghandu jmexxi hu n-negozju u l-hwejjeg tal-kumpanija, dejjem bl-awtorizzazzjoni u taht il-kontroll tal-Qorti li tkun qed tisma’ l-proceduri ta’ l-istralc.

Dan jirrizulta bic-car mill-Artiklu 237 tal-Kap. 386 illi jistipula illi:

Meta kumpanija tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti, l-istralcjarju jew l-amministratur provvizorju, skond il-kaz, ghandu jiehu taht il-kustodja jew il-kontroll tieghu l-proprjeta’ kollha u l-jeddijiet kollha li hu jkollu raguni xierqa jahseb li l-kumpanija jkollha jedd ghalihom.

L-Artiklu 238 ikompli jghid illi:

**238.** (1) Fl-istralc mill-Qorti l-istralcjarju jkollu s-setgha, **bis-sanzjoni jew tal-Qorti** jew tal-kumitat ta’ stralc

mahtur taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IV ta’ dan is-Sub-Titolu –

(a) li jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procedimenti legali ohra fl-isem u ghan-nom tal-kumpanija.

(b) li jmexxi n-negozju tal-kumpanija safejn dan ikun mehtieg ghall-beneficcju ta’ l-istralc taghha;
…

(2) Fi stralc mill-Qorti l-istralcjarju jkollu b’mod partikolari s-setgha –

…

(b) li jaghmel kull azzjoni u li jesegwixxi, fl-isem jew ghan-nom tal- kumpanija, kull att, ricevuta u dokument iehor;
…

F’dan il-kaz ir-rikors ghall-hrug tal-mandat *de quo* ma sarx mill-amministratur provizorju Dottor Louis Cassar Pullicino f’isem Clouds Catering Limited, kif kellu jsir *in konsegwenza* tad-digriet ta’ l-14 ta’ Marzu, 2006. Wisq anqas jidher li ntalbet l-awtorizzazzjoni jew is-sanzjoni tal-Qorti li quddiemha qed isiru l-proceduri ta’ l-istralc tal-kumpanija Clouds biex jigi ipprezentat dan il-mandat.

Dan irendi r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ sekwestru kontra l-esponenti irritu u null *stante* li ma gietx segwita l-procedura opportuna *ai termini* tal-Kap. 386 u jaghti lok ghat-thassir tal-mandat skond l-Artiklu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. <u>Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors ta’ Clouds Catering Limited ghall-hrug tal-mandat imsemmi huwa intempestiv u null stante li l-kalkolu ta’ l-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji li fuqu huwa nsejjes qed jigi attakkat fi proceduri gudizzjarji pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell.</u>

Il-hrug tal-mandat ta’ sekwestru ntalab minn Clouds Catering Limited skond taxxa ufficcjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet *“Saint*

*George' Park Company Limited vs Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti"* (Cit Nru 1908/2000 GV).

L-esponenti tirrileva illi permezz ta' rikors datat 14 ta' Jannar, 2004 fl-ismijiet *St. George's Park Company Limited vs Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Registratur tal-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro" (Rikors 21/2004 TM)* l-esponenti talbet lill-Prim Awla tal-Qorti Civili thassar u tirrevoka taxxa *come ceduta* mahruga mir-Registratur tal-Qorti rigward l-istess kawza (i.e. Cit Nru 1908/2000 GV). IL-pern ta' l-argoment ta' l-esponenti f'din il-procedura ta' ritassa hija li t-taxxa nhadmet b'mod zbaljat fuq valur tal-kawza li huwa ezagerat.

Ghall-korrettezza u sabiex din l-Onorabbli Qorti ma tigix zvijata, ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talbiet ta' l-esponenti f'decizjoni tat-28 ta' April, 2005, gie intavolat appell li jinsab bhalissa pendenti. Irid jinghad ukoll illi sussegwentement, l-Ewwel Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, f'sentenza fuq mertu simili fl-ismijiet *St. George's Park Company Limited vs Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Registratur tal-Qorti u l-P.L. Rose Sciberras (rikors 20/2004 GCD)* laqghet l-argomenti u t-talbiet ta' l-esponenti:

L-esponenti tirrileva illi:

(a) it-taxxa li fuqha huwa msejjes ir-rikors ghall-hrug tal-mandat tirrigwarda l-istess proceduri li t-taxxa taghhom qed tigi attakkata, ossia l-kawza nru 1908/00 GV.

(b) jidher illi anke fil-kalkolu ta' din it-taxxa, ir-Registratur tal-Qrati uza l-istess metodu ta' intaxxar zbaljat, ibbazat fuq valur tal-kawza li huwa eccessiv u ezagerat, li kien uza fil-kalkolu tat-taxxa mahruga lill-Avukat Dottor Hugh Peralta fil-mori tal-kawza nru 1908/00 GV.

(c) ghalhekk l-eventwali decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet *St. George's Park Company Limited vs Dr. Hugh Peralta, Dr. Noella Grima, ir-Registratur tal-Qorti u l-P.L. Edgar Montanaro" (Rikors 21/2004 TM)* se tincidi b'mod dirett fuq il-validita' tat-taxxa.

(d) fi kliem iehor il-mandat ta' sekwestru *de quo* qieghed jezegwixxi taxxa illi l-Qorti ta' l-Appell ghadha trid taghti decizjoni dwarha.

Ghalhekk l-esponenti tirrileva illi l-hrug tal-mandat ta' sekwestru *de quo* huwa intempestiv u johloq pregudizzju ghal-esponenti *stante* illi t-taxxa li fuqu huwa msejjes ghandha tista' tinbidel b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-mandat ta' sekwestru *de quo* huwa assolutament frivolu u vessatorju, stante li *Clouds Catering Limited* ghandha taghti lill-esponenti somma ferm ikbar minn dik allegatament dovuta mill-esponenti lil Clouds Catering Limited.

Permezz ta' sentenza tat-2 ta' April, 2004 fl-ismijiet *Saint George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti bhala garanti* (472/2003 JRM) l-Ewwel Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta ikkundannat lill-imharrkin Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti jhallsu s-somma ta' hamsa u hamsin elf tlett mija u hamsa u sittin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm55,365.17) rapprezentanti skadenzi ta' kera b'lura rigward il-fond *Clouds,* sussegwentement imsemmi *Insomnia*, St. George's Road, Paceville, flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza relattivament ghat-talbiet attrici milqugha u l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma mid-data ta' l-effettivi skadenzi (kopja tas-sentenza ezebita bhala **dok SGP1**).

Din is-sentenza inghatat **fuq ammissjoni ta' l-intimati** Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti, liema ammissjoni saret permezz ta' nota ipprezentata fl-1 ta' April, 2004, hekk kif jidher mill-istess sentenza tat-2 ta' April, 2004.

Minn din is-somma, Clouds Catering Limited u l-garanti Francis Chetcuti ma hallsu assolutament xejn, anzi Clouds Catering Limited abuzivament irtirat xi kera li kienet giet depozitata l-Qorti, sabiex l-esponenti ma tkunx tista' tithallas. Is-somma dovuta qieghda kontinwament

tizdied minhabba li qed jiddekorru l-imghaxijiet *ai termini* tas-sentenza. Sadattant, minhabba l-kundizzjoni finanzjarja dizastruza ta' *Clouds Catering Limited* l-esponenti ma setghetx tohrog mandati kontra Clouds Catering Limited sabiex tithallas l-eluf ta' liri dovuti lilha u kien ghalhekk illi l-esponenti kellha tirrikorri ghall-proceduri ta' stralc kif fuq spjegat.

Fic-cirkustanzi huma palezi illi l-hrug tal-mandat *de quo* huwa mahsub biss biex ifixkel il-proceduri bhalissa miftuha kontra Clouds Catering Limited u sabiex jikkrea problemi lill-esponenti billi jigu iffrizati l-kontijiet taghha. Ma jaghmilx sens illi jintalab il-hrug ta' mandat ghas-somma ta' Lm28,203.57 meta, **fuq ammissjoni ta' l-istess Clouds Catering *Limited,*** hija ghandha taghti lill-esponenti somma li taqbez id-doppju ta' din ic-cifra!

Lanqas hija b'kumbinazzjoni li l-mandat ta' sekwestru *de quo* gie ipprezentat kontestwalment ma' mandat iehor fl-ismijiet *Francis Chetcuti vs St. George's Park Company Limited* (483/2006 GC) ghall-ammont ta' Lm19,572.26. Huwa car li dawn il-mandati gew ipprezentati flimkien biex aktar joholqu inkonvenjent ghall-esponenti.

Il-vessatorjeta' tal-mandati *de quo* hija aktar u aktar cara meta wiehed iqis illi qabel il-mandat l-esponenti qatt ma giet interpellata sabiex thallas l-ammont pretiz, la b'ittra legali jew talba ohra bil-miktub, u wisq anqas b'ittra uffficjali.

L-esponenti umilment tissottometti illi minhabba f'hekk il-mandat *de quo* ghandu jigi mhassar, u dan partikolarment ghaliex, bir-rispett xi hadd li b'mod car jabbuzu mill-proceduri gudizzjarji u juza l-pretensjonijiet tieghu biex johloq pregudizzju ghall-kontro-parti m'ghandux igawdi l-protezzjoni tal-Qorti:

*"l-jedd ghandu jkun cirkoskritt b'ezercizju ta' godiment f'mizura appropriata, inkella min jabbuza hu assoggettat ghas-sanzjoni tal-ligi li jkollu jwiegeb ghall-hsara li tigri lit-terzi bi htija tieghu (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili) jekk ghemilu ma jkunx temprat mill-prudenza, id-diligenza u l-*

*hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032 tal-Kap. 16)"*

F'dan ir-rigward, l-esponenti qieghda minn issa tirrizerva d-dritt li titlob hlas ta' danni *in vizta* tal-frivolita' u l-vessatorjeta' tal-mandat *de quo*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, St. George's Park Company Limited titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, *ai termini* ta' l-Artiklu 283A tal-Kap 12, il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet Clouds Catering Limited vs Saint George's Park Company Limited (482/06 GC), filwaqt li taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata li, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet li l-mandat *in kwistjoni* gie mahrug validament abbazi tat-titolu ezekuttiv imsemmi u ma hemmx *"raguni tajba"* kif tirrikjedi l-ligi biex l-istess mandat jigi attakat jew jithassar;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-mandat *in kwistjoni* hareg *a bazi* ta' taxxa tal-kawza fl-ismijiet *"Saint George's Park Co. Ltd vs Clouds Catering Ltd et"* (citazzjoni numru 1908/00GV) li kienet giet deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar, 2003, u sussegwentement ceduta fil-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2005. L-ispejjez ta' dik il-kawza kellhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici, u fis-27 ta' Marzu, 2006, is-socjeta' rikorrenti talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv ghas-somma ta' Lm28,203.57.

Is-socjeta' rikorrenti qed titlob it-thassir ta' dan il-mandat peress li (i) ma gietx segwita l-procedura ghall-hrug tieghu kontemplata fl-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386); (ii)

l-kalkolu tal-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji qed jigu attakkati fi proceduri gudizzjarji li ghadhom pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell; u (iii) s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti f'somma ferm akbar mill-ammont riklamat mill-istess socjeta' intimata.

Fuq l-ewwel ilment jirrizulta li, fil-verita', il-kumpanija Clouds Catering Ltd ghaddejja proceduri ta' stralc quddiem dawn il-Qrati (citazzjoni numru 1241/03GCD), u b'digriet tal-14 ta' Marzu, 2006, il-Qorti hatret bhala amministratur provizorju lil l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino, bis-setghat u dmirijiet skond l-artikolu 228 *et seq* tal-Kap. 386.

Issa huwa pacifiku illi meta jigi appuntat amministratur provizorju huwa ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu l-proprjeta' u l-jeddijiet kollha tal-kumpanija, u ghandu jmexxi hu n-negozju u l-hwejjeg tal-kumpanija, dejjem bl-awtorizzazzjoni u taht il-kontroll tal-Qorti li tkun qed tisma' l-proceduri ta' l-istralc.

Dan jirrizulta bic-car mill-Artiklu 237 tal-Kap. 386 illi jistipula illi:

*"Meta kumpanija tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti, l-istralcjarju jew l-amministratur provvizorju, skond il-kaz, ghandu jiehu taht il-kustodja jew il-kontroll tieghu l-proprjeta' kollha u l-jeddijiet kollha li hu jkollu raguni xierqa jahseb li l-kumpanija jkollha jedd ghalihom".*

L-Artiklu 238 ikompli jghid illi:

***"238.*** *(1) Fl-istralc mill-Qorti l-istralcjarju jkollu s-setgha,* ***bis-sanzjoni jew tal-Qorti*** *jew tal-kumitat ta' stralc mahtur taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IV ta' dan is-Sub-Titolu –*

*(a) li jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procedimenti legali ohra fl-isem u ghan-nom tal-kumpanija.*

*(b) li jmexxi n-negozju tal-kumpanija safejn dan ikun mehtieg ghall- beneficcju ta' l-istralc taghha;*

…

*(2) Fi stralc mill-Qorti l-istralcjarju jkollu b'mod partikolari s-setgha –*

…

(c) *li jaghmel kull azzjoni u li jesegwixxi, fl-isem jew ghan-nom tal- kumpanija, kull att, ricevuta u dokument iehor"*;
…

F'dan il-kaz ir-rikors ghall-hrug tal-mandat *de quo* ma sarx mill-amministratur provizorju Dottor Louis Cassar Pullicino f'isem Clouds Catering Limited, kif kellu jsir *in konsegwenza* tad-digriet ta' l-14 ta' Marzu, 2006. Wisq anqas jidher li ntalbet l-awtorizzazzjoni jew is-sanzjoni tal-Qorti li quddiemha qed isiru l-proceduri tal-istralc tal-kumpanija Clouds Catering Co. Ltd biex jigi pprezentat dan il-mandat.

Fuq it-tieni ilment, jirrizulta bhala fatt li t-taxxa *in kwistjoni* kienet giet kontestata quddiem din il-Qorti, u wara d-decizjoni ta' din il-Qorti, gie intavolat appell li ghadu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Il-Qorti qieset li, skond l-artikolu 253(c) tal-Kap. 12, taxxi ufficcjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti, huma titolu ezekuttiv, sakemm, *pero'*, *"ma jkunx gew attakkati skond il-ligi"*. Id-dritt li persuna tikkontesta taxxa ufficcjali johrog mill-artikolu 556 tal-istess Kap. 12, li jaghti fakulta' lid-debitur li jattakka taxxa fi zmien xahar min-notifika lilu tat-taxxa. Ir-rikorrent debitur, fil-fatt, ipprevalixxa ruhu minn din l-opportunita' u b'rikors opportun attakka it-taxxa *in kwistjoni*.

La darba t-taxxa qed tigi kontestata, dik it-taxxa m'ghandhiex il-kwalita' ta' titolu ezekuttiv, u ma tistax iservi bhala bazi ta' mandat ezekuttiv (ara "Sultana vs Gaerty", deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2005).

Hu veru li l-kontestazzjoni mhix qed issir fil-konfront tas-socjeta' intimata, *pero'*, qed jigi attakkat il-metodu ta'

kalkolu li fuqha hi bazata l-istess taxxa li dik is-socjeta' talbet l-ezekuzzjoni taghha, u kull eventwali decizjoni ta' dawn il-Qrati jincidi b'mod dirett fuq l-ammont kalkolat fit-taxxa. Il-proceduri pendenti quddiem l-appell, fil-fatt, jirreferu ghal mod kif inhadmu d-drittijiet dovuti fil-kawza citazzjoni numru 1908/00, li tat lok ghat-taxxa li taghha is-socjeta' intimata talbet l-ezekuzzjoni.

*Kwindi*, l-ewwel zewg aggravji mressqa mis-socjeta' rikorrenti huma gustifikati, u *a bazi* taghhom, it-talba tas-socjeta' rikorrenti timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta u thassar u tirrevoka il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 482/2006 fl-ismijiet *"Clouds Catering Limited vs Saint George's Park Company Ltd"*.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------